**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 7 ta' Lulju 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Busuttil**

# DIGRIET

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Mario Busuttil, iben Anthony u Lucia *nee'* Sammut, mwieled ir-Rabat, Malta, nhar id-29 ta' Novembru, 1969, residenti gewwa Kampanjola, Raba' Nemel, limiti tar-Rabat, Malta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 471469M, senjatament akkuzat talli nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, gewwa l-Pitkalija, b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet u postijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, huwa:

1. Ma osservax il-limiti massimi ta' residwi ta' pesticida fuq u/jew fl-ikel u ghalf li joriginaw minn pjanti u animmali;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, tpoggew prodotti agrikoli b'ammont akbar ta' Livell Massimu ta' Residwu (*MRL*) preskritt fl-Anness II tar-Regolament 396/2005 u kif gie emendat permezz tar-Regolament 2018/78 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Livelli Massimi ta' Residwu ta' Pesticidi fi jew fuq ikel u ghalf li jorigina minn pjanti u annimali kif emendat permezz tar-

Regolament 1096/2014 u 2008/296 u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414, liema Regolament gie mplimentat f'Malta permezz tal-Avviz Legali 14 tal-2009 u senjatament Regolamenti dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament (*KE*) dwar l-Oghla Livelli ta' Residwi ta' Pesticidi fi Prodotti li Joriginaw minn Pjanti u Annimali.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija ssib lill-akkuzat hati *ai* termini tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 430 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant, tikkundannah biex ihallas multa ta' mhux izjed minn elf, mija u erbgha u sittin *euro*, u disgha u sittin centezmu (€1,164,69) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tlett xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien, u, fil-kaz li l-akkuzat ikun recidiv, din l-Onorabbli Qorti tikkundannah biex ihallas multa ta' mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin *euro*, u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021, l-imputat eccepixxa b'mod preliminari ne dis in idem minhabba l-fatt li permezz ta' ittra datata 31 t'Ottubru 2019, huwa rcieva twiddiba minghand l-Assistant Direttur tal-Pitalija rigwardanti mertu li jidher li hu identiku ghall-imputazzjonijiet dedotta fil-konfront tieghu;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward;

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-ligi Maltija din l-eccezzjoni hija regolata ai termini tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1] u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[2].

[1] 527. Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

[2] 39(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

L-istess kwistjoni hija regolata ukoll ai termini tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta taht l-Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali[3].

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-abbli difensur ghamel referenza ghall-ittra mibghuta mill-Assistant Direttur tal-Pitkalija datata 31 t'Ottubru 2019. Illi f'din l-ittra l-imputat gie mwiddeb dwar uzu eccessiv ta' pesticidja fil-prodott tieghu.

Preliminarjament jinghad li ai fini ta' dan il-provediment, dina l-Qorti ser tanalizza l-provi li gew imressqa s'issa unikament bil-ghan li tiddetermina l-eccezzjoni preliminari mqajjma mid-difiza. Ghal kull bon fini dina l-Qorti tiddikjara li f'dan l-istadju ma hijiex ser taghmel evalwazzjoni tal-assjem tal-atti processwali fil-mertu ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat, galadarba, fil-fehma ta' dina l-Qorti dan ghandu jkun riservat għas-sentenza li permezz tagħha tiġi deċiża r-reita` o meno tal-imputat.

Stabillit dan, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tindirizza fil-mertu l-eccezzjoni tan-be bis in idem mqajjma mid-difiza. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mihalache vs. Romania**[4] mghotija fit-8 ta' Lulju 2019, Il-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem iddikjarat:

> *"81. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision"*

L-istess sentenza emfassizat ir-rekwiziti li jridu jigu sodisfatti bil-ghan li l-principju tan-*ne bis in idem* isib l-applikazzjoni tieghu:

> *"49. The Court observes that the wording of the first paragraph of Article 4 of Protocol No. 7 sets out the three components of the ne bis in idem principle: the two sets of proceedings must be*

---

Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja

[3] Artikolu 4 - Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jewikkastigata darbtejn
1. Hadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigatgħal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.
2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xifatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekkikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, lijista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.
[4] Applikazzjoni numru 54012/10

*"criminal" in nature (1); they must concern the same facts (2); and there must be duplication of the proceedings (3)."*

***Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights Right - Not to be tried or punished twice*** jispjega li t-tielet rekwizit jerggha jinqasam fi tlett rekwiziti ohra.

*"The third component in turn consists of three separate sub-issues: (a) whether there were new proceedings; (b) if so, whether the first set of proceedings was concluded by a final decision; and (c) whether the exception in the second paragraph is applicable.*

Fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti trid l-ewwel tistabillixi l-ezistenza ta' zewgt proceduri ta' natura kriminali. Ma hemm l-ebda dubbju li l-proceduri odjerni huwa ta' natura kriminali. Madanakollu mhux l-istess jistgha jinghad ghad-decizzjoni u t-twiddiba mghotija mill-Pitkalija. Madanakollu dan ma huwiex bizzejjed sabiex wiehed jeskludi l-applikabbilita' tal-principju tan-ne bis in idem. Il-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza hawn fuq citata ta' **Mihalache vs. Romania** iddikjarat:

*"52. The Court reiterates that <u>the legal characterisation of the procedure under national law cannot be the sole criterion of relevance for the applicability of the principle of non bis in idem under Article 4 § 1 of Protocol No. 7</u>. Otherwise, the application of this provision would be left to the discretion of the Contracting States to a degree that might lead to results incompatible with the object and purpose of the Convention (see, most recently, Storbråten v. Norway (dec.), no. 12277/04, 1 February 2007, with further references). <u>The notion of "penal procedure" in the text of Article 4 of Protocol No. 7 must be interpreted in the light of the general principles concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" in Articles 6 and 7 of the Convention respectively</u> (see Haarvig v. Norway (dec.), no. 11187/05, 11 December 2007; Rosenquist v. Sweden (dec.), no. 60619/00, 14 September 2004; Manasson v. Sweden (dec.), no. 41265/98, 8 April 2003; Göktan v. France, no. 33402/96, § 48, ECHR 2002-V; Malige v. France, 23 September 1998, § 35, Reports 1998-VII; and Nilsson v. Sweden (dec.), no. 73661/01, ECHR 2005-XIII)."* (Emfazi ta' din il-Qorti).

L-istess sentenza taghmel referenza ghal dawk il-kriterji li dina l-Qorti trid necessarjament tezamina sabiex jigi stabbilit jekk l-ewwel proceduri kienux ta' natura kriminali jew xort' ohra fit-termini tal-Konvenzjoni.

*"53. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others, cited above), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. This, however, does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, Jussila v. Finland [GC], no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-XIV, and Ezeh and Connors v. the United Kingdom [GC], nos. 39665/98 and 40086/98, §§ 82-86, ECHR 2003-X)."* (Emfazi ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in dezamina ma hemm l-ebda dubbju li l-fatti mertu tal-proceduri odjerni jikkoncernaw reat ta' natura kriminali. Madanakollu t-twiddiba mahruga mill-Agent Direttur tal-Pitkalija ma ghandha l-ebda bazi legali. Ma hemmx ligi li tipprovdi procedura fissa li permezz taghha tinghata din it-twiddiba. Jidher li din it-twiddiba issir biss fuq inizjattiva unika tal-Pitkalija bil-ghan li tissalvagwardja l-prodotti li jinbieghu minn hemmhekk. Dawn il-fatturi jindikaw li l-ewwel prodediment li wasal sabiex tinghata t-twiddiba li nghatat ma kienx prodediment ta' natura kriminali.

B'referena ghall-piena ta' 'twiddiba' l-abbli difensur, korrettament, jargumenta li 'twiddiba' hija wahda mill-pieni stabbiliti fil-Kodici Kriminali ghall-kontavezzjonijiet. Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu 'twiddiba' mghotija fl-ittra ma ghandux ikun l-uniku fattur li jikklassifika l-ewwel prodediment bhala wiehed ta' natura kriminali. Dan ghaliex wiehed necessarjament irid janalizza l-konsegwenzi tat-twiddiba mill-pitkalija u jekk din hijiex ekwivalenti ghal twiddiba taht il-Kodici Kriminali. F'dan l-aspett wiehed ma jistghax jghid li dawn huma ekwivalenti. It-twiddiba mghotija mill-Pitkalija ma hijiex wahda pubblika u lanqas titnizzel fil-fedina penali ta' dak li jkun. Di piu' ma ghandha l-ebda valur ghal dak li jistipula l-artikolu 53 tal-Kodici Kriminali. Dan juri bic-car li 't-twiddiba' mghotija mill-pitkalija ma tistax tigi ekwiparata mal-piena ta' twiddiba mghotija taht il-Kodici Kriminali. Dan iktar u iktar meta ma hemm l-ebda formalita' legali li wasslet sabiex tinghata l-imsemmija twiddiba. Fl-ahhar net jinghad ukoll li t-twiddiba fiha nfisha ma hijiex piena oneruza jew severa.

Konsegwentament din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel procediment kien wiehed ta' natura amministrattiva u mhux kriminali.

Ghaldaqtant dawn il-proceduri ma humiex meqjusa li huma milquta bil-principju tan-ne bis in idem u ghaldaqstant dina l-Qorti qed tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**